**28 ta' Lulju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia)

*versus*

Nicholas Farrugia

## Truffa

*Fl-approprjazzjoni indebita l-oġġett jiġi kkonsenjat volontarjament mentri fit-truffa din il-konsenja tkun ir-riżultat tar-raġġiri ta' l-aġent.*

Il-Qorti: –

Rat l-akkużi dedotti kontra l-imsemmi Nicholas Farrugia talli f'Awissu tas-sena 1985 b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' entrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ ta' Lm1800 fi flus bi ħsara ta' Carmelo Abela mill-Ħamrun. Dan il-qligħ b'qerq huwa aggravat bl-ammont ta' aktar minn Lm1000;

U talli huwa riċediv b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti Kriminali tas-26 ta' Lulju 1982;

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-4 ta' Mejju 1987 li biha ddikjara li wara li ra l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmulin kontra l-imsemmi Nicholas Farrugia, billi jidhirlu li mill-kumpilazzjoni msemmija tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli 308 u 310(1) tal-Kodiċi Kriminali, bagħat lura lil din il-Qorti l-attijiet tal-kumpilazzjoni msemmija sabiex din l-istess Qorti, f'nuqqas ta' l-oġġezzjoni ta' l-imputat skond dak li hemm maħsub fl-artikoli 370(3)(d) tal-Kodiċi Kriminali, tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-imputat li ma jsibx oġġezzjoni li

l-każ jiġi ttrattat bi proċedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' l-20 ta' Lulju 1987 li biha sabet lill-imputat ħati ta' frodi b'għemil qarrieqi (truffa) fl-ammont ta' Lm1800 bi ħsara ta' Carmelo Abela u John Mary Abela u wara li rat il-Proklama tal-President tar-Repubblika tad-29 ta' Jannar 1987 ikkundannat lill-imputat għall-piena tal-priġunerija għal żmien sentejn mil-liema piena jrid jitnaqqas il-perijodu li għamel taħt arrest preventiv;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li r-reat ta' truffa jippresupponi li wieħed jagħmel qligħ għad-dannu ta' ħaddieħor u mhux li jagħmel kreditu. Skond l-appellant kieku wieħed kullu jikkonċedi li l-aġir tiegħu jikkostitwixxi delitt dan kien ikun ta' approprjazzjoni indebita u mhux ta' truffa. Hemm ukoll ġurisprudenza, skond l-appellant, illi min jissellef u ma jkollu l-ebda prosett li jirrifondi jikkommetti reat, iżda f'dan il-każ kien rilevanti ħafna dak li ġie sottomess minnu u ċjoè li kien fil-

possibilità li jirrifondi;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jiġi rrilevat illi l-allegazzjoni taħt forma ta' sottomissjoni li l-imputat jidher li għamel fi prim'istanza li hu possibbli għalih li jirrifondi dak kollu minnu dovut hi u tista' biss tiġi kkunsidrata bħala vera sottomissjoni li m'hi sorretta mill-ebda prova u dan peress illi ma nġiebu ebda provi fuq hekk anzi *se mai* dak li jirriżulta hu li fil-mori tal-kawża ma ħallas xejn lura;

Issa dwar jekk dak li għamel l-imputat jissodisfax l-elementi tar-reat tat-truffa addebitat lilu jiġi rrilevat dan li ġej:

Illi kif kien ġie deċiż mill-*Cassazioni* Taljana (Napoli) fil-11 ta' Ġunju 1869 *in re Ric. De Lorenzo Est. Marvesi "La consegna della cosa è volontaria tanto nella truffa quanto nella appropriazione indebita; ma in questa la volontà del danneggiato è libera, mentre nella truffa si determina in seguito del raggiri dell'agente";*

L-istess kien ġie deċiż mill-Kassazzjoni (Palermo) fit-23 ta' Frar, 1874 *Ric. Valsecchi, Est. Dalis* u mill-kassazzjoni (Firenze) fit-30 ta' Awissu 1881 *in re Ric. Facci et. Est. Giorgini;*

Fl-ewwel waħda minn dawn is-sentenzi kien intqal illi *"nella appropriazione indebita la frode sussegue alla consegna, mentre nella truffa i raggiri e gli artifizii precedono la consegna e sono anzi la causa della stessa";*

Fit-tieni sentenza l-Kassazzjoni ta' Firenze kienet esprimiet ruħha hekk:

*"La truffa si distingue dalla appriopriazione indebita in questo, che mentre nella truffa la consegna della cosa si ottiene con raggiri fraudolenti che precedono la consegna dell'oggetto carpito, nella appropriazione indebita è fatta a giusa di speciale incarico o di mandato, liberamente, per impulso di particolare fiducia nel consegnatario, ed il cui abuso succede alla consegna fiduciariamente ricevuta";*

Fil-każ preżenti hu ovvju li l-imputat ottjena l-flus mingħand Carmelo u John Mary Abela billi daħaq bihom b'mod illi li kieku ma użax l-isem falz ta' ħaddieħor u ma rrikorriex għar-raġġiri li rriżultaw, l-istess Abela ma kienx ikollhom għalfejn jikkonsenjawlu flus b'self. Il-frodi f'dal-każ kien il-kawża tal-konsenja u mhux saret il-konsenja liberament u mbagħad ġiet kommessa frodi;

Issa għal dawk il-każijiet ta' truffa indubbia l-awturi jiċċitaw b'mod partikolari rilevanti għall-każ in diżamina tliet każijiet;

Fl-ewwel wieħed li hu tal-Kassazzjoni Taljana (Torino) tas-26 ta' Novembru 1875 *in re Ric. Moia o Magliato. Est. D'Agliamo* ngħad illi *"Quegli che dà un segno cose di altrui proprietà facendolo credere proprio all'oggetto di ottenere un mutuo, si rende colpevole del reato di truffa";*

It-tieni sentenza hi dik tal-Kassazzjoni (Firenze) tat-13 ta' April, 1878 *in re Ric. Doria Est. Coppi* fejn ingħad illi *"Ogni qualvolta una persona mediante raggiro ottenga che un'altra in buona fede adducendo lo stesso motivo si faccia consegnare da terzi un oggetto, del quale poi in tal guisa viene in possesso, si rende colpevole di truffa e non di appropriazione indebita;*

Fl-aħħarnett il-*Cassazione (Napoli)* fit-23 ta' Awissu 1884 *in re Ric. Ioele Est. Ciollaro* qalet illi "*che tocca alla vittima dell'inganno una circostanza la quale, se nota, non l'avrebbe indotta a contrattare, commetta una truffa*";

Oltra dan kollu jiġi wkoll osservat li fil-każ in eżami l-imputat mhux biss għamel użu minn isem falz iżda anki minn *identity card* ta' ħaddieħor u dan kollu jinkwadra ruħu fit-termini ta' l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali u ma jħallix alternattiva ħlief li tiġi kkonfermata s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.